MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2004

Avviz Numru. 32/2004

**Avviz numru 32/2004DM**

**Joseph Calleja (ID Nru 398266M)**

**Vs**

**Kevin Zammit (ID Nru 305169M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ tlett elf u mitejn lira Maltija (Lm3200) flimkien ma l-imghaxijiet fuq l-istess mill-1 ta’ Novembru 2003 u dan a bazi tal-kostituzzjoni ta’ debitu maghmul bejn il-konvenut u l-attur fid-disgha (9) t’ Ottubru 2003.

Bl-ispejjez kollha inkluz dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru numru 36/04, kollox kontra il-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma dehrx biex jikkontesta t-talba attrici.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti semghet lill-attur bil-gurament u rat l-iskrittura esibita issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill- konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma mitluba ta' Lm3200 (tlett elf u mitejn lira Maltin) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz  bl-imghax fuq l-istess mill-1 ta' Novembru 2003; u

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------